

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-att ikkontestat huwa illegal minħabba ksur ta' garanziji previsti mil-liġi u mid-drittijiet tad-difiża. L-att ikkontestat huwa bbażat fuq rapport mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("EF-SA"), li introduċa rekwiżit ġdid — il-preżentazzjoni ta' metodu ta' analiżi kompletament validu — fi stadju avanzat ħafna tal-proċedura ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrenti ppreżentaw id-data mitluba lir-relatur, li, min-naħa tiegħu, evalwahom u pprepara konklużjoni li tipprovi li d-data kienet suffiċjenti sabiex tingħata risposta għad-domanda mqajma mill-EFSA. Madankollu, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-data ġdida. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma nġhatawx l-opportunità li jirrispondu għad-domanda minħabba ftehim ħażin mill-Kummissjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008⁽²⁾ għal dak li jikkonċerna l-preżentazzjoni ta' data ġdida.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-att ikkontestat huwa illegali għaliex huwa sproporzjonat. Anki jekk kien aċċettat li l-istudji l-ġodda ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-Kummissjoni setgħet adottat deċiżjoni ta' inklużjoni flimkien ma' miżuri inqas restrittivi, bħal li tissuġġettaha għal data konfermattiva.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 578/2012, tad-29 ta' Ġunju 2012, dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva difenilammīna, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjant (ĠU L 171, p. 2).

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008, tas-17 ta' Jannar 2008, li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma gēwx inklużi fl-Anness I tagħha (ĠU L 15, p. 15).

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2012 — HP Health Clubs Iberia vs UASI — Shiseido (ZENSATIONS)

(Kawża T-416/12)

(2012/C 355/73)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: HP Health Clubs Iberia, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Serrat Viñas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Shiseido Company Ltd (Tokjo, il-Ġappun)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-6 ta' Ġunju 2012, fil-Każ R 2212/2010-1;

— tiċħad l-oppożizzjoni magħmula minn Shiseido Company Ltd;

— tirrinviya l-kawża quddiem l-UASI sabiex it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tiġi rreġistrata għas-servizzi inkwistjoni kollha; u

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra involuta f'din il-kawża għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura u fil-proċedimenti preċedenti quddiem l-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "ZENSATIONS" għal servizzi fil-klassijiet 35 u 44 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 778 303

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Shiseido Company Ltd

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark denominattiva "ZEN" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 21 u 44

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ

Motivi invokati:

— ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 u tal-Artikolu 76(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ipprezentat fis-26 ta' Settembru 2012 — Kappa Filter Systems GmbH vs UASI (THE FUTURE HAS ZERO EMISSIONS)

(Kawża T-422/12)

(2012/C 355/74)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Kappa Filter Systems GmbH (Steyr-Gleink, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Hadeyer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)